MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 898/2013

**Go plc u Mobisle Communications Ltd**

**Vs**

**Sunderland Online Limited**

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fid-19 ta’ Settembru 2013 l-attrici talbiet il-hlas ta’ tmienja u ghoxrin elf disa’ mija u tlieta u erbghin ewro u hamsin centezmu (€28,943.50),

bilanc minn somma akbar skond ftehim datat 31 ta' Jannar 2011. Ippremettiet li l-ahhar pagament sar fit-18 ta' Lulju 2011.

Mill-atti jirrizulta li l-kumpannija konvenuta giet notifikata izda baqghet kontumaci.

Mill-atti jidher li l-ammont pretiz hu dovut, fosthom hemm l-iskrittura datata 31 ta' Jannar 2011 li hi skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu (fol. 5) li permezz taghha l-kumpannija konvenuta kkostitwit ruhha debitrici tal-atturi fis-somma ta' €36,943.50. Dan l-ammont kellu jithallas permezz ta' pagamenti ta' elfejn ewro (€2,000) fix-xahar pagabbli fl-ahhar ta' kull xahar (ara wkoll korrisponenza).

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi tikkundanna lill-kumpannija konvenuta thallas lil-atturi s-somma ta' tmienja u ghoxrin elf disa' mija u tlieta u erbghin ewro u hamsin centezmu (€28,943.50), bl-ispejjez u bl-imghax kif mitlub**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------